

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija) fil-5 ta' Awwissu 2016 – proċeduri kriminali kontra Emil Milev

(Kawża C-439/16)

(2016/C 364/07)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Spetsjaliziran nakazatelen sad

Parti fil-kawża prinċipali

Emil Milev

Domanda preliminari

Leġiżlazzjoni nazzjonali – b'mod partikolari opinjoni li għandha saħħa vinkolanti mogħtija mill-Varhoven Sad [qorti suprema ta' kassazzjoni] (li ngħatat wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2016/343 ⁽¹⁾, tad-9 ta' Marzu 2016, iżda qabel ma jkun skada t-terminu tat-traspożizzjoni tagħha) li konformement magħha l-Varhoven Sad, wara li kkonstatat kunflitt bejn l-Artikolu 5(4) moqri flimkien mal-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u l-leġiżlazzjoni nazzjonali [Artikolu 270(2) NPK] dwar it-teħid inkunsiderazzjoni jew le ta' raġunijiet plawżibbli li wieħed jassumi l-kummissjoni ta' reat (fil-kuntest tal-proċedura ta' sħarriġ ta' estensjoni ta' miżura koerċittiva ta' "detenzjoni provviżorja" matul il-fażi prekontenzjuża tal-proċedura kriminali), essenzjalment tat lill-qrati l-libertà li jiddeċiedu jekk hemmx lok li tiġi osservata l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – hija konformi mal-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 2016/343, tad-9 ta' Marzu 2016 (dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' proċeduri kriminali)?

⁽¹⁾ Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Marzu 2016, dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, p. 1).

Digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato – l-Italja) – Società LIS Srl, Società Cerutti Lorenzo Srl vs Abbanoa SpA: fil-preżenza ta': Consorzio Stabile CSI – Consorzio Servizi Integrati Soc. cons. arl, Procelli Costruzioni Srl, Bondini Srl, Assisi Strade Srl

(Kawża C-287/15) ⁽¹⁾

(2016/C 364/08)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 302, 14.9.2015.